**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 224/02**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**vs**

**Michael Tanti iben Lorenzo u Carmela**
**nee Camilleri, mwieled Rabat, Malta**
**fit-13 ta' Frar, 1947, u residenti**
**12, Triq Ghar Berbah, Xemxija, San Pawl**
**il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 199347 (M).**

**Illum 3 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Michael Tanti li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fix-xhur ta' qabel it-2 ta' Ottubru, 1999 bhala propjetarju jew amministratur tal-fond 'Incognito' Bar & Restaurant fi Triq il-Fliegu, Qawra, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, kkommetta serq ta' kwantita' ta' elettriku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, (b) barra minn hekk fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe meter tad-dawl tal-ghamla 'ISKRA',

numru 24171016, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-mitt lira Maltin, ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tapplika l-Artiklu 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-Atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti minn imkien ma gie pruvat illi l-akkuzat serq xi konsum ta’ elettriku, tant li l-istess Silvio Decelis xehed li min-naha tal-Korporazzjoni ma kienx jidher li kien hemm serq ta’ konsum.

Anke l-espert tal-Qorti Horace Anastasi eskluda s-serq. Qal ukoll fix-xhieda tal-10 ta’ April, 2002 li seta’ kien hemm tampering pero’ jibqa’ d-dubju jekk ghamlux hu.

Gie pruvat ukoll li fil-fatt l-inspection giet mitluba mill-istess akkuzat li kien innota li s-sigilli tal-meter kienu maqtugha.

Rinfaccjata b'tali provi, l-Qorti thoss illi ebda akkuza dedotta kontra Michael Tanti ma treggi u ghaldaqstant qed tilliberah mill-istess.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.